KUNSILL LOKALI
GĦASRI

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Nru. 26**

L-Erbgħa, 13 t' April 2026

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 20A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 26.1 Talba

26.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 26.2 Ittri ta' Apoloġija

26.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 26.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

26.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa pubblika numru 25 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 26.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

26.4.1 *Email* mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali datata l-1 ta' April 2026 minħabba l-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera qablu li għandhom jiġu mitkellma s-Sa Marianne Sagona u S-Sa Josianne Cassar sabiex jiġi vverifikat min jaċċetta tali kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

26.4.2 *Email* mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali datata 2 ta' April 2026 rigward *Invitation – Award Ceremony – Professional Development Sponsorship Programme (EMPOWER)*. Il-Kunsilliera ma jistgħux jattendu għal tali ċerimonja.

26.4.3 *Email* mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali datata 2 ta' April 2026 – Ċir *AKL 2026/2027_PROSPECT First Call for applications* rigward proġetti ta' enerġija sostenibbli. Il-Kunsilliera qablu li għal issa il-Kunsill mhux ser jipparteċipa.

26.4.4 *Email* datata 3 ta' April 2026, mingħand studenta li qed tattendi l-università sabiex ikollha aċċess għar-rapporti finanzjarji tal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li tali huma pubbliċi u qegħdin onlajn u għalhekk jista' jkollha aċċess.

26.4.5 *Email* mingħand Reġjun Għawdex datata 6 ta' April 2026, rigward l-*isweepers*, fejn bagħtu skeda ta' kif ser jaħdmu l-*isweepers*. Il-Kunsilliera qablu li kull ġimgħa tingħata triq sabiex tiġi mnaddfa mill-*isweepers*.

26.4.6 *Email* mingħand Reġjun Għawdex datata 6 ta' April 2026, - Ċir AKL – 2026/2028 Sejħa għall-interess – Parteċipazzjoni fil-Proġett Ewropew COHERIT (CERV Programme 2026). Il-Kunsilliera qablu li mhux ser jipparteċipaw fl-imsemmi proġett.

26.4.7 *Email* mingħand SEM datata 9 ta' April 2026, rigward *Information Session: Promoting diversity, embracing ethnicity and incslusive participation of TCN's*. Il-Kunsilliera ma jistgħux jattendu għal tali sessjoni.

26.4.8 Is-Sindku rrimarka li għandu bżonn jerġa jiġi propost li jitnaddaf il-wied ta' ħdejn il-Knisja tal-Patroċinju. l-Kunsillier Emanuel Mintoff irrimarka li hemmhekk hemm imħawlin siġar tas-Sebuqa li huma protetti u għalhekk aktar u aktar għandu jitnaddaf mis-siġar tal-Oleander. Il-Kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem is-Sur Alfred Baldacchino sabiex jagħmlilna rapport relattiv sabiex ngħadduh lil tal-ERA sabiex il-Wied jiġi mnaddaf.

## 26.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

26.5.1 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa rigward il-proposta li kienet ġiet imressqa minn *Transport Malta* rigward it-tibdil fis-servizz tat-trasport pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li huwa bagħat *email* fejn rrimarka li tali proposta ma ġietx aċċettata (bħal ma kien ġie diskuss f'laqgħa preċedenti).

26.5.2 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa rigward l-iskema tal-Gastronomija minn Reġjun Għawdex. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li ntalbet estensjoni minħabba d-*deadline* tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni u ġie diskuss mal-voluntiera ta' x'jista' jsir.

26.5.3 Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa rigward il-kunċert tal-Ħadd, qabel il-festa. Ġie nfurmat li diġà kien hemm qbil li tali kunċert għandu jsir.

26.5.4 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa jekk huwiex possibbli li l-fanali li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Patroċinju jinbidlu peress li huma qodma. Il-Kunsilliera qablu li għandhom jinġarbru kwotazzjonijiet u mudelli ta' fanali sabiex ikunu jistgħu jinbidlu.

## 26.6 *Unaudited Annual Report and Financial Statements for the year ending 2024*

26.6.1 Ġew imressqa l-*Unaudited Annual Report and Financial Statements for the year ending 2024* u għal dan il-għan daħal l-*accountant* Daniel Galea permezz ta' TEAMS, sabiex jispjega tali rapporti. Il-Kunsilliera qablu ma tali rapport.

## 26.7 *PA/01977/26;*

26.7.1 Ġie għall-attenzjoni tal-Kunsill żvilupp b'permess numru PA/01977/26 fi Triq il-Gallina. Il-Kunsilliera qablu li għandu jiġi

segwit tali żvilupp.

## 26.8 Materji Oħra

26.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li LA's relatati ma Triq Wied Sara m'għadhomx fuq il-Kunsill u b'hekk issa jistgħu jduru fuq il-kuntrattur sabiex ikun jista' jibda x-xogħolijiet.

26.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għandu l-pjanti l-ġodda relatati ma Triq Salvu Gambin. Il-Kunsilliera qablu ma dak propost fi Triq il-Wilġa, Triq Salvu Gambin u Triq il-Knisja iżda ma qablux ma dak propost fil-pjazza u li l-Pjazza għandha tibqa kif inhi. Nhar l-Erbgħa li ġej għandha ssir laqgħa mal-perit ta' Transport Malta u tiġi mressqa tali proposta li l-pjazza tibqa kif inhi.

26.8.3 Resident fi Triq ż-Żebbuġ ilmenta li hemm problema tal-ilma jnixxi minn quddiem ir-residenza tiegħu. Tali problema ilha hemm però peress li għandha tiġi rranġata t-triq għal issa aħjar ma jsirux xogħolijiet peress li dawn ikunu għalxejn.

26.8.4 Resident irrapporta li fi Triq Wied l-Għasri hemm xi toqob li huma ta' periklu. Il-Viċi Sindku Sammy Saliba qal li tali ttranġaw xi jiem ilu mill-kuntrattur.

26.8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill għandu bżonn jixtri xi mirja ġodda tat-toroq peress li huma miksurin. Il-Kunsilliera qablu li għandhom jinxtraw.

26.8.6 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li kellmu d-Direttur Ivan Attard minħabba xi rapporti li qed jintrema xi *rubbish* fi Triq iż-Żenqa ta' Fuq il-Lunzjata jew aħjar kif magħrufa Triq il-Qadima. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li kellem lill-*Community Police*, u ser jagħmlu xi rondi sabiex jaraw min qed jħalli r-*rubbish* f'tali triq.

26.8.7 Ħarġa għal Jum L-Omm. Il-Kunsilliera qablu li l-ħarġa ssir dik il-ġimgħa ta' bejn l-4 ta' Mejju u t-8 ta' Mejju 2026 u li l-Kunsill ser jipprovdi għall-ħlas tal-dħul għall-attivitajiet u għat-trasport.

26.8.8 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba nforma li fil-15 ta' April 2026 ser issir laqgħa għall-bdiewa minħabba makkinarju u toroq/passaġġi rurali . Huwa qal li ser jattendi għal tali laqgħa biex jara hemmx xi fondi li jista' japplika għalihom il-Kunsill sabiex jitranġaw xi passaġġi/toroq rurali.

26.8.9 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li hemm bżonn jinqata' l-ħaxix f' Wied is-Seqer, Triq it-Tamar, Triq Wied il-Għasri. Il-Kunsill qabel.

**26.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

26.9.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-23 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**26.10 Tmiem il-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss**

26.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:45 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 15 t' April 2026 fl-4:30 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar il-Ġimgħa 15 t' April 2026.

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |